

Brussell, 20 ta' Diċembru 2017
(OR. en)

15962/17

Fajl Interistituzzjonali:
2017/0347 (COD)

ENER 527
CODEC 2135

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	19 ta' Diċembru 2017
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2017) 769 final
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL Li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 256/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar in-notifika lill-Kummissjoni ta' proġetti ta' investiment fl-infrastruttura tal-enerġija fl-Unjoni Ewropea

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2017) 769 final.

Mehmuż: COM(2017) 769 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 19.12.2017
COM(2017) 769 final

2017/0347 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

Li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 256/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar in-notifika lill-Kummissjoni ta' proġetti ta' investiment fl-infrastruttura tal-enerġija fl-Unjoni Ewropea

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

Il-proposta li ġejja biex jitħassar ir-Regolament (UE) Nru 256/2014 ("ir-Regolament") hija ppreżentata fil-kuntest tal-programm REFIT tal-Kummissjoni u tal-impenn tagħha għal regolamentazzjoni aħjar. L-għan huwa li jiġi żgurat qafas leġiżlattiv li huwa adattat għall-iskop maħsub għalih u ta' kwalità għolja, kif imsemmi fil-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet¹. Il-Kummissjoni identifikat dan ir-Regolament bħala li ma għadux adattat għall-iskop maħsub għalih, u tipproponi li jitħassar.

Fis-26 ta' Frar 2014, ir-Regolament (UE) Nru 256/2014 dwar in-notifika lill-Kummissjoni ta' proġetti ta' investiment fl-infrastruttura tal-enerġija fl-Unjoni Ewropea, ġie adottat biex jiżgura li l-politika tal-enerġija tal-UE tiżviluppa b'mod effettiv u twieġeb għall-ħtiġijiet reali tal-UE. Dan ir-Regolament ġie appoġġjat mir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1113/2014 tas-16 ta' Ottubru 2014, li jistabbilixxi l-forma u d-dettalji tekniċi tan-notifika msemmija fl-Artikoli 3 u 5 tar-Regolament (UE) Nru 256/2014².

Abbażi tal-Artikolu 194 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, ir-Regolament (UE) Nru 256/2014, u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1113/2014, jirrikjedu li l-Istati Membri jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar il-proġetti ta' investiment li fuqhom inbdiel ħidma ta' kostruzzjoni jew ta' dekommissjonar jew li fuqhom ittieħdet deċiżjoni finali dwar l-investiment. B'dan il-mod, kien previst li l-Kummissjoni jkollha aċċess għad-dejta u għall-informazzjoni dwar l-iżviluppi ppjanati fil-kapaċitajiet ta' produzzjoni, trażmissjoni u ħżin, kif ukoll dwar proġetti fis-setturi varji tal-enerġija ta' interess għall-UE u importanti għall-politiki futuri tal-enerġija u tal-investiment.

Għalhekk, ir-Regolament kellu l-għan li jagħti lill-Kummissjoni stampa ġenerali tal-iżvilupp tal-investiment fl-infrastruttura tal-enerġija fl-UE, sabiex din tkun tista' tissodisfa r-responsabbiltajiet tagħha fil-qasam tal-enerġija.

L-obbligi skont dan ir-Regolament kienu diġà fis-seħħ taħt ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 617/2010 tal-24 ta' Ġunju 2010 dwar in-notifika lill-Kummissjoni ta' proġetti ta' investiment fl-infrastruttura tal-enerġija fl-Unjoni Ewropea u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 736/96³. Il-Qorti tal-Ġustizzja annullat ir-Regolament tal-Kunsill Nru 617/2010⁴ minħabba l-bażi ġuridika skorretta tiegħu, iżda l-effetti tiegħu baqgħu sa meta ġie adottat ir-Regolament (UE) Nru 256/2014.

L-Istati Membri għaddew minn tliet eżerċizzji ta' rappurtar (fl-2011, fl-2013 u fl-2015) minn mindu daħlu fis-seħħ l-obbligi skont dan ir-Regolament u l-predeċessur tiegħu, ir-Regolament tal-Kunsill Nru 617/2010. Għaldaqstant, għadda żmien

¹ Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet. ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1-14.

² ĠU L 302, 22.10.2014, p. 26.

³ ĠU L 180, 15.7.2010, p. 7.

⁴ Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-6 ta' Settembru 2012 fil-Kawża C-490/10, il-Parlament v il-Kunsill (ECR 2012, p. I-0000)).

biżżejjed biex il-Kummissjoni tkun tista' twettaq analiżi kritika bbażata fuq l-evidenza dwar jekk ir-Regolament kellux ir-risultati mistennija jew le.

2. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

• L-evalwazzjonijiet *ex post*, l-idoneità regolatorja u s-simplifikazzjoni

Il-Kummissjoni ordnat tliet studji esterni wara li tliet Stati Membri wettqu eżerċizzji ta' rappurtar skont dan ir-Regolament u l-predeċessur tiegħu. Fid-dawl tas-sejbiet tagħhom, fl-2016 il-Kummissjoni rrieżaminat ir-Regolament (UE) Nru 256/2014 skont l-Artikolu 11 tar-Regolament innifsu. Dan ir-rieżami kien parti minn kontroll tal-idoneità usa' li kopra l-obbligi ta' ppjanar u ta' rappurtar skont il-korp tal-leġislażzjoni dwar l-enerġija. Il-Kummissjoni ppubblikatu f'Novembru 2016⁵, flimkien mal-proposta tagħha għal Regolament dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija⁶.

Dan l-eżerċizzju wera li:

1. Kien hemm trikkib sinifikanti bejn l-obbligi ta' rappurtar skont dan ir-Regolament u l-obbligi ta' rappurtar previsti għall-ENTSO-E⁷ u għall-ENTSO-G⁸, bl-obbligi previsti skont dan ir-Regolament ikollhom biss f'tit jew l-ebda valur miżjud.
2. Ħafna mill-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri skont dan ir-Regolament tista' tinkiseb faċilment minn sorsi oħra: l-ENTSOs (in-Netwerk Ewropew tal-Operaturi tas-Sistemi tat-Trażmissjoni), it-TYNDPs (il-pjanijiet ta' għaxar snin għall-iżvilupp tan-netwerk), ir-rapporti annwali tal-Operaturi tas-Sistema ta' Trażmissjoni u l-kumpaniji tal-utilitajiet, il-pjanijiet tal-iżvilupp settorjali nazzjonali (eż. il-pjanijiet ta' azzjoni għall-enerġija rinnovabbli), eċċ. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tiġbor regolarment informazzjoni dwar is-suq permezz tas-Sistema għall-Osservazzjoni tas-Suq tal-Enerġija (l-EMOS).
3. Id-dejta miġbura f'tliet eżerċizzji kompluti kienet tkopri biss madwar nofs is-settur tal-enerġija tal-UE.
4. Id-diffikultajiet inerenti fl-implimentazzjoni ta' wħud mir-rekwiżiti tar-Regolament, speċjalment fir-rigward tal-informazzjoni li trid tingħata dwar il-kapaċità futura, imminaw l-utilità tat-tliet eżerċizzji ta' rappurtar li twettqu.

Konsegwentement, il-Kummissjoni kkonkludiet li r-Regolament (UE) Nru 256/2014 ma kellux ir-risultati mistennija. Għaldaqstant, jenħtieġ li jiġi propost it-tħassir tiegħu.

⁵ Dokument ta' Ħidma tal-Persunal (2016) 396 final.
http://ec.europa.eu/energy/sites/ener/files/documents/1_en_autre_document_travail_service_part1_v4.pdf

⁶ COM/2016/0759 final/2 - 2016/0375 (COD). Proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija, li jemenda d-Direttiva 94/22/KE, id-Direttiva 98/70/KE, id-Direttiva 2009/31/KE, ir-Regolament (KE) Nru 663/2009, ir-Regolament (KE) Nru 715/2009, id-Direttiva 2009/73/KE, id-Direttiva tal-Kunsill 2009/119/KE, id-Direttiva 2010/31/UE, id-Direttiva 2012/27/UE, id-Direttiva 2013/30/UE u d-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013.

⁷ In-Netwerk Ewropew għall-Operaturi tas-Sistema ta' Trażmissjoni tal-Elettriku

⁸ In-Netwerk Ewropew tal-Operaturi tas-Sistemi ta' Trażmissjoni tal-Gass

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Bħala parti mill-ħidma preparatorja għall-proposta tagħha għal inizjattiva leġiżlattiva dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Energija⁹, il-Kummissjoni wettqet konsultazzjoni estensiva biex tiġbor il-fehmiet u l-kontributi tal-partijiet ikkonċernati, taċ-ċittadini u tal-Istati Membri. Il-konsultazzjoni staqsiet kif l-arranġamenti ta' ppjanar u ta' rappurtar eżistenti fil-qasam tal-enerġija jistgħu jitjiebu biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-Unjoni tal-Enerġija u biex jitħaffef il-piż amministrattiv.

Il-konsultazzjoni pubblika tnediet fil-11 ta' Jannar 2016, damet aktar minn 12-il ġimgħa u ntemmet fit-22 ta' April 2016. It-tweġibiet ikkontribwew għall-evalwazzjoni u għall-kontroll tal-idoneità tal-Kummissjoni fir-rigward tal-obbligi ta' ppjanar u ta' rappurtar eżistenti kif ukoll għall-valutazzjoni tal-impatt tal-proposta leġiżlattiva tagħha fuq il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija.

Dawk li wieġbu għall-konsultazzjoni identifikaw l-obbligi skont ir-Regolament (UE) Nru 256/2014 bħala dawk li jistgħu jithassru¹⁰.

3. ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-PROPOSTA

Il-proposta tħassar ir-Regolament (UE) Nru 256/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar in-notifika lill-Kummissjoni ta' proġetti ta' investiment fl-infrastruttura tal-enerġija fl-Unjoni Ewropea, li jissostitwixxi r-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 617/2010 u jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 736/96.

Il-bażi ġuridika tar-Regolament (UE) Nru 256/2014, jiġifieri, l-Artikolu 194 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, hija soġġetta għall-proċedura leġiżlattiva ordinarja. Għaldaqstant, il-Kummissjoni qed tipproponi li jitħassar dan ir-Regolament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Ir-Regolament kellu implikazzjonijiet baġitarji limitati ħafna, li kienu relatati man-nefqa fuq it-teknoloġija tal-informazzjoni, ix-xiri tad-dejta u r-rimborż tal-esperti. Lanqas ma kien previst xi impatt dirett importanti fuq il-baġits tal-Istati Membri.

It-tħassir ta' dan ir-Regolament se jtemm in-nefqa limitata marbuta miegħu. Se jgħin biex jiġi rrazzjonalizzat l-użu tar-riżorsi tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri billi jelimina d-duplikazzjoni tal-obbligi ta' rappurtar u tal-ipproċessar tad-dejta li saret disponibbli permezz ta' sorsi oħra, ta' kwalità ogħla.

⁹ COM/2016/0759 final/2 - 2016/0375 (COD). Proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija, li jemenda d-Direttiva 94/22/KE, id-Direttiva 98/70/KE, id-Direttiva 2009/31/KE, ir-Regolament (KE) Nru 663/2009, ir-Regolament (KE) Nru 715/2009, id-Direttiva 2009/73/KE, id-Direttiva tal-Kunsill 2009/119/KE, id-Direttiva 2010/31/UE, id-Direttiva 2012/27/UE, id-Direttiva 2013/30/UE u d-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013.

¹⁰ Ara ibid. SWD(2016) 396 final, p. 118.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

Li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 256/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar in-notifika lill-Kummissjoni ta' proġetti ta' investiment fl-infrastruttura tal-enerġija fl-Unjoni Ewropea

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 194 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹¹,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Komitat tar-Regjuni¹²,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja,

Billi:

- (1) Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea kkonfermaw l-impenn konġunt tagħhom biex jaġġornaw u jissimplifikaw il-leġislazzjoni fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016¹³.
- (2) Sabiex jitnaddaf u jitnaqqas il-volum ta' leġislazzjoni, hemm bżonn li tiġi identifikata l-leġislazzjoni li tkun skaduta jew li ma għadhiex adattata għall-iskop maħsub għaliha. Permezz tat-tħassir ta' tali leġislazzjoni, il-qafas leġislattiv jibqa' trasparenti, ċar u faċli biex jintuża.
- (3) Ir-Regolament (UE) Nru 256/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁴ jirrikjedi li l-Istati Membri jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar il-proġetti ta' investiment li fuqhom inbdiet ħidma ta' kostruzzjoni jew ta' dekkummissjonar jew li fuqhom ittiedhet deċiżjoni finali dwar l-investiment.
- (4) L-obbligi skont ir-Regolament (UE) Nru 256/2014 dwar in-notifika ta' proġetti ta' investiment u ċertu informazzjoni u dejta relatati miegħu, kienu diġà jeżistu taħt ir-

¹¹ ĠU C [...], [...], p. [...].

¹² ĠU C [...], [...], p. [...].

¹³ ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

¹⁴ Ir-Regolament (UE) Nru 256/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar in-notifika lill-Kummissjoni ta' proġetti ta' investiment fl-infrastruttura tal-enerġija fl-Unjoni Ewropea, li jissostitwixxi r-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 617/2010 u jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 736/96 (ĠU L 84, 20.3.2014, p. 61).

Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 617/2010¹⁵. Il-Qorti tal-Ġustizzja annullat ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 617/2010¹⁶ minħabba li ma għandux bażi ġuridika korretta, iżda l-effetti tiegħu baqgħu sa meta ġie adottat ir-Regolament Nru 256/2014.

- (5) Il-qafas leġislativ preċedenti kien maħsub biex jipprovdi lill-Kummissjoni bid-dejta u bl-informazzjoni dwar l-iżviluppi ppjanati fil-kapaċitajiet ta' produzzjoni, ta' trażmissjoni u ta' ħżin, kif ukoll dwar proġetti fis-setturi tal-enerġija. Kien maħsub biex jagħti lill-Kummissjoni stampa ġenerali tal-iżvilupp tal-investiment fl-infrastruttura tal-enerġija fl-Unjoni.
- (6) Kien hemm tliet eżerċizzji ta' rappurtar minn mindu nħolqu l-obbligi skont ir-Regolament (UE) Nru 256/2014 u r-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 617/2010 (fl-2011, fl-2013 u fl-2015). Barra minn hekk, il-Kummissjoni ordnat tliet studji esterni wara li tliet Stati Membri wettqu eżerċizzji ta' rappurtar skont ir-Regolament (UE) Nru 256/2014. Għaldaqstant, għadda biżżejjed żmien u nkisbet esperjenza suffiċjenti biex il-Kummissjoni tkun tista' twettaq analiżi kritika bbażata fuq l-evidenza dwar jekk ir-Regolament kellux ir-riżultati mistennija jew le.
- (7) Fl-2016 il-Kummissjoni wettqet ir-rieżami previst fl-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) Nru 256/2014, inkluż konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati li tkopri l-obbligi kollha ta' ppjanar u ta' rappurtar fis-settur tal-enerġija. Il-Kummissjoni waslet għall-konklużjoni li kien hemm trikkib sinifikanti bejn l-obbligi ta' rappurtar skont ir-Regolament (UE) Nru 256/2014 u l-obbligi ta' rappurtar previsti għall-Operaturi tas-Sistema ta' Trażmissjoni tal-Enerġija (l-ENTSO-E u l-ENTSO-G). Deher ċar ukoll li l-kwalità u l-adegwatezza tal-informazzjoni u tad-dejta li waslu kienu ħafna drabi batuti, u li din l-informazzjoni u din id-dejta kienu saru disponibbli għall-Kummissjoni permezz ta' sorsi oħra, bħall-ENTSOs (in-Netwerk Ewropew tal-Operaturi tas-Sistemi tat-Trażmissjoni), it-TYNDPs (il-pjanijiet ta' għaxar snin għall-iżvilupp tan-netwerk), ir-rapporti annwali tal-Operaturi tas-Sistema ta' Trażmissjoni u l-kumpaniji tal-utilitajiet, il-pjanijiet ta' żvilupp nazzjonali, eċċ. Barra minn hekk, ġie nnutat li l-Kummissjoni kellha aċċess dirett għal dejta tas-suq permezz tas-Sistema għall-Osservazzjoni tas-Suq tal-Enerġija (l-EMOS).
- (8) Għaldaqstant, ir-Regolament (UE) Nru 256/2014 ma tax ir-riżultati mistennija f'termini ta' kwantità, kwalità u adegwatezza tad-dejta u tal-informazzjoni li rċeviet il-Kummissjoni.
- (9) Għalhekk, ir-Regolament (UE) Nru 256/2014 jenħtieġ li jitħassar,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) Nru 256/2014 huwa mħassar.

¹⁵ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 617/2010 tal-24 ta' Ġunju 2010 dwar in-notifika lill-Kummissjoni ta' proġetti ta' investiment fl-infrastruttura tal-enerġija fl-Unjoni Ewropea u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 736/96 (ĠU L 180, 15.7.2010, p. 7).

¹⁶ Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-6 ta' Settembru 2012 fil-Kawża C-490/10, il-Parlament v il-Kunsill ECLI:EU:C:2012:525.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President